MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Numru. 731/2002

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
vs
Noel Buhagiar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Noel Buhagiar, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 18172(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fl-20 ta’ Lulju, 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra ta’ dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebhin b’qerq

u cioe’ t-shirts tal-marka FCUK u dan bi ksur ta’ Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U b’hekk titqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tenur ta’ L.N. 120/92;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra li tinfliggi il-pieni stabbilit mil-ligi tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Noel Buhagiar ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu tal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni ghal din il-procedura;

Semghet lill-imputat debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, ;u dan waqt is-seduta tal-20 ta’ Frar 2003;

Taqta u tiddeciedi billi issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha, u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 298(1)(f) tal-Kap. 9 u l-A.L. 120 tal-1992;

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, m’ghandux xi fedina penali allarmanti, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur xehed illi l-imputat ikkopera mieghu ferm matul l-investigazzjoni;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut, u wara li rat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tikkundannah multa ta’ LM80.

Il-Qorti tichad it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex jigu applikati d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 peress illi ma giex ippruvat illi inhatru xi esperti f’dan il-kaz.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------